DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007

(2009/682/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l- kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il- kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jwaqqaf l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 21 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0176/2009),

1. Jinnota li l- kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L)

Il-President	*Is-Segretarju Ġenerali*
Hans-Gert PÖTTERING	Klaus WELLE

([1]) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 1.
([2]) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 7.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.